MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 2605/1998/1

**Carmelo Brincau**

***Versus***

***N.O.V.I.T.À. Construction Company Limited***

Din il-kawża hija dwar inċident fuq il-post tax-xogħol.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fl-20 ta' Marzu 1997, waqt li kien fuq ix-xogħol tas-soċjetà konvenuta, li magħha hu impjegat, fil-*Freeport*, l-attur korra meta niżel minn fuq *truck* tal-konvenuta. Dan l-inċident seħħ minħabba nuqqas jew difett fl-inġenji tas-soċjetà konvenuta, u din taħti għan-nuqqas jew difett u għandha twieġeb għad-danni kollha — *damnum emergens* u *lucrum cessans* u danni oħra skond il-liġi — li ġarrab l-attur, li għadu debilitat minħabba fl-inċident.
Billi s-soċjetà konvenuta ma għamlitx tajjeb għad-danni, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti:

1. tgħid illi s-soċjetà konvenuta taħti għall-inċident u għandha twieġeb għad-danni kollha;
2. tillikwida d-danni kollha li ġarrab u li għad jista' jġarrab l-attur; u
3. tikundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas fiż-żmien li tagħtiha l-qorti d-danni hekk likwidati, flimkien ma' l-ispejjeż, fosthom dawk ta' żewġ ittri legali, u l-imgħax sa meta jsir il-ħlas.

Is-soċjetà konvenuta ressqet l-eċċezzjoni illi t-talbiet ta' l-attur għandhom jiġu miċħuda għax is-soċjetà konvenuta ma taħtix għall-inċident u ma tweġibx għad-danni.

L-inċident seħħ hekk:

L-attur, li hu impjegat mas-soċjetà konvenuta, kien qiegħed jaħdem fuq il-bini tat-*terminal* tal-*Freeport* u, biex imur minn post għal ieħor skond il-ħtiġiet tax-xogħol, billi ma kienx hemm mezzi ta' trasport għalhekk, kien jirkeb ma' l-inġenji li jinzertaw ikunu sejrin fejn ikun irid imur hu.

Dakinhar meta seħħ l-inċident kien rikeb fuq *truck* kbir u, meta ġie biex jinżel mill-kabina, billi din qiegħda fl-għoli, sakemm jilħaq l-art kellu jirkeb fuq it-torġien ta' staffa. Din l-istaffa, iżda, kienet qalgħet daqqa f'inċident ieħor u kienet imdaħħla 'l ġewwa. Meta l-attur tefa' l-piż tiegħu biex jinżel, siequ ma sabitx l-istaffa u waqa' 'l isfel. Ma sabx il-*handle* biex iżomm miegħu għax dan il-*handle* kellu l-parti ta' isfel nieqsa, u stabat ma' l-art. Għamel ħsara fi rkobbtu u, fil-fehma ta' l-espert mediku mqabbad mill-qorti, għandu debilità permanenti ta' erbgħa fil-mija (4%).

Ir-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta xehed illi lill-impjegati kienu ngħataw struzzjonijiet speċifiċi biex ma jirkbux fuq l-inġenji. Dan l-avviż[1], iżda, igħid biss illi ħadd ma għandu jirkeb fil-kaxxa tal-gafef, fuq il-*bonnet* u fuq il-ġnub ta' vetturi, u li l-vetturi ma għandhomx igħabbu nies aktar milli suppost. L-attur ma kien qiegħed jagħmel xejn minn dan, għax kien riekeb fil-kabina.

Ir-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta qal ukoll illi s-soċjetà tiddependi mis-sewwieqa ta' l-inġenji biex igħidulha jekk dawn ikunux jeħtieġu tiswijiet, ukoll jekk taf illi ħsarat li, bħall-każ ta' l-istaffa mgħattna 'l ġewwa, ma jfixklux it-tħaddim ta' l-inġenji x'aktarx li ma jkunux

1 *Fol.* 63.

rapportati biex dak li jkun ma jitlifx xogħol b'sahra waqt li jkunu jsiru t-tiswijiet. Is-soċjetà konvenuta ma għandha ebda sistema ieħor ta' kontroll dwar l-istat ta' l-inġenji u jekk dawn humiex ta' perikolu għal min jaħdem fuqhom.

Min iħaddem għandu l-obbligu li jara li fl-ambjent tax-xogħol ma jkunx hemm perikoli għall-ħaddiema tiegħu. Fil-każ tallum is-soċjetà konvenuta naqset għax ma ħaditx ħsieb li tara li l-inġenji li jinqdew bihom il-ħaddiema tagħha ma jkunx fihom partijiet bil-ħsara li jistgħu joħolqu perikolu. Għalhekk taħti għall-inċident u għandha twieġeb għad-danni.

Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni.

L-attur ma ressaqx provi dwar *damnum emergens* u għalhekk ma hijiex sejra ssir likwidazzjoni ta' dan.

Meta seħħ l-inċident l-attur kellu tnejn u erbgħin (42) sena, u għalhekk *multiplier* ta' sbatax-il (17) sena jkun xieraq. Kellu dħul ta' madwar tmenin lira (Lm80) fil-ġimgħa, jew erbat elef mija u sittin lira (Lm4,160) fis-sena. Wara li qieset it-tul tal-*multiplier*, it-telf fil-valur tal-flus u ż-żjidiet li x'aktarx jingħataw 'il quddiem, il-qorti sejra taħdem fuq dħul medju ta' ħamest elef u mitejn lira (Lm5,200) fis-sena. Fi sbatax-il sena l-attur kien ikollu dħul ta' tmienja u tmenin elf u erba' mitt lira (Lm88,400). Għandu debilità permanenti ta' erbgħa fil-mija (4%), u għalhekk it-telf tiegħu huwa ta' tlitt elef ħames mija u sitta u tletin lira (Lm3,536).

Wara li qieset ukoll illi l-attur sejjer jieħu issa d-dħul ta' sbatax-il sena, li, iżda, ġà għaddew seba' snin minnhom, il-qorti tillikwida l-*lucrum cessans* fis-somma ta' tlitt elef u mitejn lira (Lm3,200), b'dan illi l-imgħax jibda jgħaddi millum.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi, wara li tiċħad l-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta u tgħid illi l-inċident seħħ bi ħtija tas-soċjetà konvenuta, tillikwida d-danni li ġarrab l-attur fis-somma ta' tlitt elef u mitejn lira (Lm3,200), u tikkundanna lill-konvenuta tħalas lill-attur tlitt elef u mitejn lira (Lm3,200), flimkien ma' l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni u bl-imgħax millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------